**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/51/20/S

*Keith Tufigno*
*vs*
*Luxury Living Technologies Ltd*

Illum, 1 ta'Lulju,2021.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Keith Tufigno ippreżentata fil-15 t' April, 2020 u r-Risposta tas-socjeta Luxury Living Technologies Ltd ippreżentata fl-20 ta' Lulju, 2020;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u s-sottmissjonijiet tal-istess partijiet;

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti Keith Tufigno spjega is-segwenti:

-Illi huwa kien hallas €500 bhala depozitu ghall-pannelli. Huwa qed jitlob rifuzjoni tas-somma ta' €500 minhabba li ma jhossx li s-socjeta intimata imxiet sew u fil-fatt REWS ma kinux accettaw l-applikazzjoni ghal sussidju;

Illi fir-Risposta, is-socjeta intimata Luxury Living Technologies Ltd resqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

-Illi r-rikorrenti kien accetta l-kwotazzjoni tas-socjeta intimata u kien hallas €500 bhala *energy audit* u mhux depozitu;

-Illi s-socjeta intimata allegat li r-rikorrenti kellu *issues* finanzjarji u anki ried jipposponi l-installazzjoni;

1. _Il-mertu_

Illi l-mertu tal-azzjoni jikkonsisti fl-ilment tar-rikorrenti li d-depozitu minnu mhallas ghandu jigi rifuz mis-socjeta intimata gjaladarba kien hemm hafna nuqqasijiet hekk kif spjegat fl-ittra tar-REWS (Regulator for Energy & Water Services) immarkata bhala Dok MT1;

Illi t-Tribunal josserva li fl-ircevuta mahruga mis-socjeta intimata (Dok MT2) id-deskrizzjoni tal-hlas huwa msemmi bhala depozitu;

Illi t-Tribunal hut al-fehma li l-hlas ta' €500 kien fil-fatt depozitu u mhux kif allegat mis-socjeta intimata u cioe *Energy Audit Report funds*;

Illi gjaladarba ma gietx accettata l-applikazzjoni tar-rikorrenti, ebda ordni ma kienet ghadha saret daparti tas-socjeta intimata;

_Deċide_

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

i. Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u Jordna lis-socjeta intimata Luxury Living Technologies Ltd thallas u tirrifondi lura lil Keith Tufigno s-somma ta' €500.00 u dan fi zmien gimgha mill-llum.

It-Tribunal jordna li kull parti thallas l-ispejjeż ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru